

## REGOLAMENT TAL-KUMMISSJONI (UE) Nru 644/2010

tal-20 ta' Lulju 2010

li jiffissa l-koeffiċjent ta' allokkazzjoni applikabbli għat-talbiet għal liċenzji għall-importazzjoni mressqa mid-9 ta' Lulju 2010 sas-16 ta' Lulju 2010 tal-kwota tariffarja mwaqqfa bir-Regolament (KE) Nru 969/2006 fir-rigward tal-qamħirrum

IL-KUMMISSJONI EWROPEA,

Wara li kkunsidrat it-Trattat dwar il-Funzjonament tal-Unjoni Ewropea,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kunsill (KE) Nru 1234/2007 tat-22 ta' Ottubru 2007 li jstabbilixxi organizzazzjoni komuni ta' swieq agrikoli u dwar dispożizzjonijiet speċifiċi għal ċerti prodotti agrikoli (Ir-Regolament Waħdieni dwar l-OKS) <sup>(1)</sup>,

Wara li kkunsidrat ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 1301/2006 tal-31 ta' Awwissu 2006 li jstabbilixxi regoli komuni għall-amministrazzjoni tal-kwoti tariffarji għall-importazzjoni ta' prodotti agrikoli rregolati minn sistema ta' liċenzji tal-importazzjoni <sup>(2)</sup>, u partikolarment l-Artikolu 7(2) tiegħu,

Billi:

- (1) Ir-Regolament tal-Kummissjoni (KE) Nru 969/2006 <sup>(3)</sup> fetaħ kwota tariffarja annwali għall-importazzjoni ta' 242 074 tunnellata qamħirrum (numru tas-serje 09.4131).
- (2) L-Artikolu 2(1) tar-Regolament (KE) Nru 969/2006 ffissa għal 121 037 tunnellata l-kwantità tas-subperjodu nru 2/ għall-perjodu mill-1 ta' Lulju sal-31 ta' Diċembru 2010.
- (3) Min-notifika konformi mal-Artikolu 4(3) tar-Regolament (KE) Nru 969/2006, jirriżulta li l-applikazzjonijiet imressqa mid-9 ta' Lulju 2010 sas-16 ta' Lulju 2010 fis-13:00, ħin ta' Brussell, skont l-Artikolu 4(1) tar-Rego-

lament imsemmi, jaqbżu l-kwantitajiet disponibbli. Jeħtieġ għalhekk li jiġi determinat sa liema limitu jistgħu jinħarġu l-liċenzji għall-importazzjoni, filwaqt li jiġi stabbilit il-koeffiċjent ta' allokkazzjoni li għandu jiġi applikat għall-kwantitajiet mitluba.

- (4) Jeħtieġ ukoll li ma jinħarġux liċenzji tal-importazzjoni skont ir-Regolament (KE) Nru 969/2006 għas-perjodu kurrenti tal-kwota.
- (5) Sabiex tiġi żgurata ġestjoni effikaċi tal-proċedura tal-ħruġ taċ-ċertifikati tal-importazzjoni, dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ eżatt wara li jiġi ppubblikat,

ADOTTAT DAN IR-REGOLAMENT:

## Artikolu 1

1. Kull applikazzjoni għal liċenzja tal-importazzjoni ta' qamħirrum fil-kuntest tal-kwota msemmija fir-Regolament (KE) Nru 969/2006, imressqa mid-9 ta' Lulju 2010 sas-16 ta' Lulju 2010 fis-13:00, ħin ta' Brussell, taġhti lok għall-ħruġ ta' liċenzja għall-kwantitajiet mitluba assenjata skont il-koeffiċjent ta' allokkazzjoni ta' 40,231108 %.

2. Il-ħruġ ta' liċenzji għal kwantitajiet mitluba mis-16 ta' Lulju 2010 fis-13:00, ħin ta' Brussell, huwa sospiż għas-perjodu kurrenti tal-kwota.

## Artikolu 2

Dan ir-Regolament għandu jidħol fis-seħħ dakinhar tal-pubblikazzjoni tiegħu f'Il-Ġurnal Uffiċjali tal-Unjoni Ewropea.

Dan ir-Regolament għandu jorbot fl-intier tiegħu u japplika direttament fl-Istati Membri kollha.

Magħmul fi Brussell, l-20 ta' Lulju 2010.

Għall-Kummissjoni,  
fisem il-President,  
Jean-Luc DEMARTY

Direttur Ġenerali għall-Agricoltura u l-Iżvilupp Rurali

<sup>(1)</sup> ĠU L 299, 16.11.2007, p. 1.

<sup>(2)</sup> ĠU L 238, 1.9.2006, p. 13.

<sup>(3)</sup> ĠU L 176, 30.6.2006, p. 44.